**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 581/2022 AF**

**Malta Stock Exchange p.l.c. (C-42525)**

**vs**

**Suite Finance SCC p.l.c. (C-75104) ghan-nom taghha u ghan-nom u fl-interess ta' Suite-Re 2026 ZC Cell, Havengrid 2026 ZC Cell, Suite-Hotel Cell, Suite-Re 2 Cell u Romea Cell**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Malta Stock Exchange p.l.c., li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-soċjetà intimata hija soċjetà li taġġixxi bħala *Securitisation Cell Company* ai termini tar-Regolamenti Dwar *Securitisation Cell Companies* (L.S.386.16 tal-Liġijiet ta' Malta) u stabbilit *inter alia* s-segwenti ċelluli (*cells)*: (a) SUITE-RE 2026 ZC CELL; (b) HAVENGRID 2026 ZC CELL; (c) SUITE-HOTEL CELL; (d) SUITE-RE2 CELL; u (e) ROMEA CELL (**iċ-Ċelluli**).

Is-soċjetà intimata applikat mas-soċjeta rikorrenti nomine (**il-Borża**), fil-kapaċità tagħha ta' depożitarju ċentrali tat-titoli, sabiex din taqleb is-segwenti titoli maħruġa miċ-Ċelluli f'forma dematerjalizzata: (a) € 60,000,000 zero coupon notes bl-isem SUITE-RE 2026 ZC Cell; (b) €150,600,000 zero coupon notes bl-isem Havengrid 2026 ZC Cell; (c) €10,500,000 zero coupon notes bl-isem Romea Cell Zero Coupon 2027; (d) €120,000,000 zero coupon notes bl-isem Suite-Hotel Cell ZC Notes 2027; u (e) €197,000,000 zero coupon notes bl-isem Suite-RE2 Cell ZC Notes (flimkien imsejħa t-**Titoli**).

Il-Borża, wara li aċċertat ruħha li l-applikazzjoni mressqa mis-soċjetà intimata hija kompluta inkluż li sar il-ħlas relattiv tal-*Initial Dematerialisaton Fee*, aċċettat li t-Titoli jinqalbu f'forma dematerjalizzata u dan b'effett mid-data ta' kull Certifikat ta' Dematerjalizzazzjoni relattiv maħruġ mill-Borża fir-rigward tat-Titoli, kopja ta' liema ġew annessi mal-affidavit ta' Simon Zammit bħala **Dok. 'SZ1(i)'** sa **Dok. 'SZ1(v)'**.

Meta s-soċjetà intimata issottoskriviet biex tuża s-servizzi tal-Borża, hi aċċettat, hekk kif jidher b'mod ċar mill-formoli tal-applikazzjoni, partikolarment fis-sezzjoni tmienja (8) tal-istess, li ġew debitament iffirmati mill-istess soċjetà intimata, kopja ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. 'MSE1'** sa **Dok. 'MSE5'**, li matul id-durata tas-servizz mogħti lilha hi għanda tonora l-obligazzjonijiet kollha tagħha versu l-Borża, fosthom li tħallas il-pagament relattiv għas-servizzi hawn fuq imsemmija lill-Borża u dan skond it-tariffi tal-Borża hekk kif

stipulati fl-*Exchange Notice* annessa mal-affidavit ta' Simon Zammit u mmarkata bħala **Dok.'SZ3'** (**l-Exchange Notice**).

Fit-28 t'April 2020 il-Borża ħarġet fattura bin-numru 35705 fl-ammont globali ta' tlieta u għoxrin elf seba' mija u ħamsin Ewro (€23,750) rappreżentanti l-Annual Dematerialisation Fee dovuta bil-quddiem lill-Borża għas-servizzi ta' dematerjalizzazzjoni tat-Titoli maħruġa miċ-Celluli u dan skond l-Exchange Notice, kopja ta' din il-fattura hija annessa mal-affidavit ta' Cynthia Sammut u mmarkat bħala **Dok. 'CS1'**.

Is-soċjetà intimata ħallset biss l-ammont ta' għaxart'elef Ewro (€10,000) fuq il-fattura bin-numru 35705 u l-ammont ta' tlettax-il elf seba' mija u ħamsin Ewro (€13,750) għadu mhux saldat mis-soċjetà intimata.

Fil-frattemp is-soċjetà intimata baqgħet tuża s-servizzi tal-Borża u għalhekk il-Borża kompliet titlob il-ħlas għas-servizzi reżi minnha favur is-soċjetà intimata u dan skond l-Exchange Notice, liema fatturi annessi mal-affidavit ta' Cynthia Sammut u mmarkati bħala **Dok. 'CS2'** sa **Dok. 'CS5'** u **Dok. 'CS8'** sa **Dok. 'CS10'**, ukoll baqgħu ma tħallsux mis-soċjetà intimata minkejja diversi interpellazzjonijiet lilha mill-Borża.

Fit-tnejn u għoxrin (22) t'April 2022 il-Borża bagħtet ittra lis-soċjetà intimata tinfurmaha li jekk ser tibqa' moruża u ma tħallasx l-ammont pendenti sal-aħħar t'April 2022, l-Borża kienet ser tittermina s-servizzi tagħha mingħajr pre-avviz ieħor.

Stante li ma sar l-ebda ħlas mis-soċjetà intimata, il-Borża proċediet sabiex tittermina s-servizzi tagħha b'effett mill-ewwel (1) ta' Mejju 2022 u ħarget iċ-Certifikati ta' Terminazzjoni ta' Dematerjalizzazzjoni f'din l-istess data kopja ta' liema huma annessi mal-affidavit ta' Simon Zammit u mmarkati bħala **Dok. 'SZ1'(vi)** sa **Dok. 'SZ1' (x)**, liema ċertifikati ġew debitament mibgħuta lis-soċjetà intimata.

Is-soċjetà intimata tinsab moruża fil-ħlas dovut minnha lill-Borża fl-ammont komplessiv ta' disa' u tletin elf disa' mija u tmintax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€39,918.46), hekk kif jirriżulta f'aktar dettal mill-fatturi relattivi u r-rendikont datat 27 ta' Mejju

2022, kopji ta' liema jinsabu annessi mal-affidavit ta' Cynthia Sammut u mmarkati bħala **Dok. 'CS1'** sa **Dok. 'CS5'** u **Dok. 'CS8'** sa **Dok. 'CS11'**.

L-ammont ta' disa' u tletin elf disa' mija u tmintax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€39,918.46) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt mis-soċjetà intimata lill-Borża u għalhekk, fil-fehma tal-Borża, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma tal-istess Borża, s-soċjetà intimata m'għandiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

Inoltre, s-soċjetà intimata kemm-il darba rrikonoxxiet id-dejn *de quo*, kif joħroġ biċ-ċar mill-korrispondenza bejn il-partijiet li tmur lura għal Lulju tas-sena 2020, kopja ta' liema ġiet annessa mal-affidavit ta' Cynthia Sammut u mmarkata bħala **Dok. 'CS 7'**.

Sad-data ta' dawn il-proċeduri, s-soċjetà intimata għadha moruża fil-ħlas tal-ammonti pendenti u dan minkejja diversi asserzjonijiet u wegħdiet da parti tas-soċjetà intimata.

L-affidavits ta' Mr. Simon Zammit fil-kapaċità tiegħu ta' Chief Executive Officer tal-Borża u ta' Ms. Cynthia Sammut fil-kapaċità tagħha ta' Supervisor tal-Finance Office tal-Borża qegħdin jiġu annessi ma' dan ir-rikors u mmarkati bħala **Dok. 'SZ'** u **Dok. 'CS'** rispettivament.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata Suite Finance SCC p.l.c hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti nomine għas-somma ta' disa' u tletin elf disa' mija u tmintax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€39,918.46) rappreżentanti ħlas għal servizzi reżi mis-soċjetà rikorrenti a bażi ta' struzzjonijiet li ngħatawlha mis-soċjetà intimata;

3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata Suite Finance SCC p.l.c sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti nomine s-somma ta' disa' u tletin elf disa' mija u tmintax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€39,918.46) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' kull fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li tibqa nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat li, minkejja li saret id-debita notifika skond il-ligi, baqghet ma tressqet ebda oppozizzjoni ghall-kawza. Lanqas ma deher hadd ghas-socjetà intimata fl-udjenza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-soċjetà intimata Suite Finance SCC p.l.c hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti nomine għas-somma ta' disa' u tletin elf disa' mija u tmintax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€39,918.46) rappreżentanti ħlas għal servizzi reżi mis-soċjetà rikorrenti a bażi ta' struzzjonijiet li ngħatawlha mis-soċjetà intimata

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà intimata Suite Finance SCC p.l.c sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti nomine s-somma ta' disa' u tletin elf disa' mija u tmintax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€39,918.46) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG